MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 5(2012), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012, fil-5:00 p.m.

1. **<u>Preżenti</u> :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja |
| Kunsilliera | Steven Grech |
| | AngeloMicallef |
| | Stephen Caruana |

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall

**Aġenda għal-laqgħa :**

---

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Poloz ta' assikurazzjoni għall-perjodu 2012/2013
6. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
7. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

1. **<u>Qari tal-Minuti</u>**

Minuti numru 4(2012) ġew meħuda bħala moqrija. Il-Kunsill unanimament approva l-korrettezza tal-Minuti fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef, issekondat mis-Sur Carmelo Bugeja li għaddiet b'mod unanimu

**2 <u>Arisings mill-Minuti</u>**

Ma kienx hemm

**3 <u>Korrispondenza</u>**

Inqrat il-Korrispondenza kollha.

3.1 Permezz ta' ittra datata 30 ta' Mejju 2012, is-Sur Austin Walker, chairman ta' MEPA filwaqt li feraħ lis-Sindku u Kunsilliera eletti, offra lill-Kunsill Lokali il-possibilita' ta' laqgħa sabiex jiġu diskussi l-isfidi u l-problemi li l-Kunsill Lokali jiltaqa' magħhom b'konnessjoni ma' l-ambjent u l-ippjanar. Wara disksussjoni qasira kien hemm qbil illi s-Sur Edric Micallef għandu jipprepara ittra li kellha tintbagħat bħala risposta lis-Sur Walker.

3.2 E-Mail 23 ta' Mejju 2012 mingħand Kim Stagno li permezz tiegħu il-Kunsill Lokali ġie mitlob joffri l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sabiex isiru korsijiet ta' l-arti u l-artiġjanat għat-tfal ta' bejn il-5 u t-12 il-sena. Is-Sindku qal illi kellu informazzjoni illi s-Sinjura/ina Stagno kienet set titlob ħlas lill-istudenti għal-lezzjonijiet imsemmija. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill għandu jappoġġja biss lil inidividwi illi joffru tagħlim mingħajr ħlas. Għaldaqstant il-talba tas-Sinjura/ina Stagno ma' kelliex tiġi milqugħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm żewġ individwi illi kienu qiegħdin jagħmlu korsijiet ta'. Minn informazzjoni li kellu l-istudenti li jattendu għal dawn il-korsijiet kienu qiegħdin jintalbu ħlas. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi dawn iż-żewġ individwi kellhom jiġu kkuntattjati u infurmati illi ma' kenux ser jitħallew jorganizzaw korsijiet ġewwa l-Kunsill Lokali kemm il-darba kienu ser jitolbu pagamenti mingħand l-istudenti.

3.3 Permezz ta' ittra datata 25 ta' Mejju 2012, is-Sur Joseph Masini, f'isem JP2 Foundation filwaqt illi introduċa lil JP2 Foundation bħala organizzazzjoni mhux governattiva, informa lill-Kunsill b'attivita' li kien hemm il-ħsieb illi tittella' ġewwa Marsaxlokk. Fil-fatt b'relazzjoni mal- JP2 Memorial Festival din il-fondazzjoni kienet qiegħda titlob permess lill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk sabiex nhar it-Tlieta 24 ta' Lulju 2012, jittella' kunċert mill-Wolverhampton Youth Orchestra ġewwa Pjazza Madonna ta' Pompei. Kien hemm diskussjoni libera dwar jekk il-Kunsill għandux joġġezzjona għal din it-talba peress illi l-attivita' kienet ser taħbat fil-ġimgħa tal-festa tal-lokalita'. Finalment fuq mozzjoni tas-Sur Angelo Micallef, issekondata mis-Sur Edric Micallef u li għaddiet b'votazzjoni ta' erba' favur u wieħed kontra il-Kunsill Lokali qabel illi ma għandu jsib ebda oġġezzjoni għal din it-talba. Ġie deċiż ukoll illi kellha tintbagħat ittra lill-Kappillan tal-lokalita' sabiex jiġi infurmat b'din l-attivita'.

3.4 Permezz ta' e-mail datat 12 ta' Ġunju 2012 mingħand Susan Debono u e-mail ieħor datat 12 ta' Ġunju 2012 mingħand is-Sur Ġino Seychell, il-Kunsill Lokal inġibditlu l-attenzjoni rigward rwejjaħta' żejt u gass li kien hemm fiż-żona ta' Triq il-Port Ruman. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-amministrazzjoni kienet għamlet rapport lill-awtoritajiet konċernati dwar dawn l-ilmenti.

3.5 Ittra datata 28 ta' Mejju 2012, Stanley Portelli, Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta informa lill-Kunsill Lokali illi t-talba illi l-istess Kunsill Lokali kien għamel sabiex Triq Melqart tingħata wiċċ ġdid bit-tarmac u jiġu rranġati l-bankini kienet qiegħda tiġi kkunsidrata minn Transport Malta. Fil-fatt kienu qiegħdin jiġu ppreparati l-istimi sabiex isiru x-xogħolijiet meħtieġa.

3.6 Permezz ta' e-mail datat 5 ta' Ġunju 2012, Josie Brincat, f'isem Transport Malta, informa lill-Kunsill Lokali illi t-talba sabiex isiru modifiki *f'central strip* fi Triq Marsaxlokk kienet ġiet milqugħa. Il-Kunsill Lokal intalab jagħmel kuntatt mar-*Road Infrastructure Directorate* sabiex tittieħed azzjoni min-naħa tagħhom f'dan ir-rigward.

3.7 Permezz ta' e-mail datat 28 ta' Mejju 2012, is-Sna. Melanie Micallef minn Frank Salt Ltd. infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-istess Frank Salt Ltd. kienet lesta illi tidħol għall-manutenzjoni ta' safety barriers f'postijiet pubbliċi fil-lokalita' mingħajr ħlas sakemm titħalla tagħmel reklami tal-kumpanija fuq l-istess *safety barriers*. Wara diskussjoni qasira

kien hemm qbil unanimu illi Frank Salt Ltd. kellha tiġi infurmata illi fil-lokalita' ma kienx hemm *safety barriers*. Madanakollu kemm il-darba fil-futur jiġu installati xi *safety barriers* il-Kunsill kien ser jikkunsidra l-proposta ta' Frank Salt Ltd.

3.8 E-Mail datat 20 ta' Mejju 2012 mingħand Anthony Lee Baldacchino li permezz tiegħu, f'isem Marsaxlokk FC, il-Kunsill Lokali intalab jagħti sponsor lil Marsaxlokk FC sabiex tkun tista' tittella' skola sajf. Kien hemm qbil unanimu illi peress illi legalment il-Kunsill Lokali ma jistax jagħti donazzjonijiet, kellha tintbagħat ittra li permezz tagħha tiġi ċċarata s-sitwazzjoni.

3.9 Permezz ta' ittra datata 18 ta' Mejju 2012, il-ġenituri tal-istudenti ta' l-iskola Primarja St.Thomas Moore għaddew petizzjoni lill-Kunsill Lokali, lill-kap ta' l-iskola primarja u lill-kap tal-kulleġġ St.Thomas Moore sabiex bħal f'lokalitajiet oħra tibda' tittella summer school għall-istudenti ġewwa l-iskola primarja tal-Gvern ta' Marsaxlokk. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi għandha tintbagħat ittra lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni li permezz tagħha, il-Kunsill Lokali li jgħaddi kopja tal-petizzjoni.

3.10 Permezz ta' ittra datata 20 ta' April 2012, il-Kummissjoni Festa Esterna ta' Marsaxlokk talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi bejn il-Ħamis 26 ta' Lulju u l-Ħadd 29 ta' Lulju 2012 fi pjazza Madonna ta' Pompei ma jkunx hemm umbrelel, imwejjed u siġġijiet. Dan apparti illi jitneħħew l-iskips li kien hemm matul Xatt is-Sajjieda bejn il-Ġimgħa 27 u l-Ħadd 29 ta' Lulju 2012. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jibgħat ittra lis-sidien ta' l-istabbilimenti ta' Xatt is-Sajjieda sabiex jitneħħew l-iskips flimkien ma' ittra oħra lis-sidien ta' stabbilimenti fi Pjazza Madonna ta' Pompei sabiex jitneħħew l-imwejjed, siġġijiet u umbrelel fil-ġranet mitluba wara l-5:00p.m.. Ġie deċiz illi kopja ta' l-ittra kellha tintbagħat lill-pulizija u lid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

3.11 Permezz ta' ittra datata 11 ta' Ġunju 2012, il-Perit Audrey Testaferrata de Noto f'isem Transport Malta infurmat lill-Kunsill Lokali illi Transport Malta ma kienet issib ebda oġġezzjoni kemm il-darba fi Triq Bir Rikka tiġi nstallata *traffic calmer*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill kien talab illi f'din it-triq jiġu installati żewġ traffic calmers u kien indika fejn kienu qiegħdin jiġu proposta li jiġu installati. Madanakollu transport Malta kienet harġet permess għal Traffic Calmer waħda. Għaldaqstant, kienet inkitbet ittra lil Transport Malta sabiex tiġi spjegata l-pozizzjoni tal-Kunsill Lokali. Għal darb'oħra Transport Malta ikkonfermat il-pozizzjoni tagħha u cioe' illi f'din it-triq jinħareġ permess għal Traffic Calmer waħda.Wara diskussjoni libera ġie deċiż illitiġi installata traffic calmer hekk kif propost minn Transport Malta sabiex ikun jista' jiġi evalwatir-rispons tal-pubbliku.

3.12 Permezz ta' e-mail datat 1 ta' Ġunju 2012, is-Sinjura Carmen Scicluna tabet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi għat-tliet xhur tas-sajf ikun hemm assistant librarian ġewwa l-librerija tal-lokalita'. Dan peress illi l-volum tax-xogħol kien jiżdied konsiderevolment matul dan il-perjodu. Is-Sinjura Scicluna żiedet illi s-Sinjorina Jessica Caruana kienet tkun idejali għal dan ix-xogħol peress illi fil-passat kienet diġa' għamlet perjodu twettaq l-istess ħidma. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi s-Sinjorina Caruana għandha tingħata l-opportunita' illi bħas-snin li għaddew twettaq xogħol bħala assistant librarian. Dan sakemm ir-rata tkun ta' €4.66 kull siegħa u l-ammont ta' siegħat ikun ikkontrollat mill-Kunsill Lokali.

3.13 Permezz ta' e-mail datat 13 ta' Ġunju 2012, is-Sinjura Carmen Scicluna talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita illi bħas-snin imgħoddija isir storytelling matul ix-xhur tas-sajf. Dan kellu jsir b'mod volontarju minn studenti ta' MCAST u għaldaqstant ma kien ser jivolvi ebda spejjeż min-naħa tal-Kunsill Lokali. Wara li nqrat il-proposta kien hemm qbil unanimu

illi jsir l-istorytelling. Madanakollu, il-Kunsill Lokali ma' qabilx illi n-numru ta' tfal li jattendu għandu jkun limitat għal għoxrin hekk kif propost. Għaldaqstant, kellu jsir kuntatt mas-Sinjura Scicluna sabiex tiġi riżolta din il-materja.

3.14 Permezz ta' e-mail is-Sur Joseph Gravina ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali għal diversi fatturi fosthom il-bżonn illi ġewwa l-lokalita' ikunu immarkati l-ispazji ta' parkeġġ kif ukoll il-bżonn li jiġi mħares il-wirt storiku ta' Marsaxlokk. Permezz ta' e-mail datat 23 ta' Mejju 2012, is-Sur Edric Micallef filwaqt li ħeġġeġ lis-Sur Gravina jressaq proposti dwar x'jista' jsir sabiex jelenka numru ta' siti storiċi li jinħtieġu l-attenzjoni infurmah illi l-proposta ta' immarkar ta' l-ispazji ta' parkeġġ kienet ser tkun diskussa waqt seduta tal-Kunsill Lokali. Wara li ddiskuta din il-proposta il-Kunsill qabel illi ma għandhomx jiġi mmarkati l-ispazji ta' parkeġġ fejn ma kienx hemm problemi. Dan għaliex kemm il-darba isiru l-marki proposti kien ser jonqsu l-ispazji illi fihom jistgħu jipparkjaw il-vetturi.

3.15 Permezz ta' e-mail datat 10 ta' Ġunju 2012, is-Sna. Josephine Darmanin infurmat lis-Sindku illi tabelli li kien hemm fi Triq l-Arznell sabiex ma jiġux ipparkjati vetturi nhar ta' Ħadd minħabba t-trasport pubbliku setgħu jitneħħew. Dan peress illi minn meta' bdiet topera Arriva dan l-ispazju ma baqax jintuża. Is-Sur Edric Micallef qal illi kemm il-darba kien minnu illi dan l-ispazju m'għadux jintuża għat-trasport pubbliku, l-imsemmija tabelli setgħu jitneħħew u b'hekk ikun qiegħed jinħoloq aktar spazju għall-parkeġġ ta' vetturi. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.16 E-mail datat 16 ta' Mejju 2012 mingħand is-Sur Mark John Scicluna li permezz tiegħu il-Kunsill Lokali ġie infurmat illi Schembri Infrastructures Ltd. kienet lesta illi tidħol għax-xogħol ta' rising main u resurfacing f'parti minn Xatt is-Sajjieda. Madanakollu, l-istess kumpanija kienet qiegħda tirrevedi l-prezzijiet li kienet ikkwotat fis-sejħa għall-offerti u kienet qiegħda titlob żieda ta 20% fuq ir-rati kollha b'eċċezzjoni għar-rata ta' l-asfalt li kienet ser issir €30 għal kull metru kwadru. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali għandu jipproċedi billi tinħareġ sejħa għall-offerti mill-ġdid għal xogħolijiet f'din il-parti ta' Xatt is-Sajjieda.

3.17 Permezz ta' e-mail datat 21 ta' Mejju 2012, indirizzat lis-Sur Edric Micallef, is-Sur Joseph Gravina talab lill-Kunsill Lokali sabiex b'mod immedjat isiru linji ta' parkeġġ fiż-żona tal-*housing etate*. Is-Sur Gravina ilmenta illi peress illi ma kienx hemm il-linji msemmija, fi Triq Ġorġ Gravina kien ser inċident tat-traffiku fejn intlaqtet karozza pparkjata. Wara disksusjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi il-linji mitluba ma kellhomx isiru. Dan peress illi kif diskuss aktar kmieni matul l-istess seduta kemm il-darba jiġu mmarkati l-linji kienu ser jonqsu l-ispazji ta' parkeġġ.

3.18 Permezz ta' e-mail datat 12 ta' Ġunju 2012, is-Sur Antoine Galea informa lill-Kunsill Lokali illi kawża ta' biċċa konkos perikoluża li kien hemm fi Triq tas-Silġ, Marsaxlokk, laqat il-vettura tiegħu u għamel xi ħsarat. Is-sur Galea, filwaqt li għadda ritratti ta' l-imsemmi konkos flimkien ma' rapport tal-pulizija dwar l-inċident talab lill-Kunsill resarċiment għall-ħsara li kien ġarrab (l-ammont ma ġiex speċifikat). Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi kellha tintbagħat ittra lis-Sur Galea li permezz tagħha il-Kunsill jispjega illi din il-biċċa konkos kienet saret abużivament minn xi individwu/i mingħajr il-permess tal-Kunsill Lokali. Fl-istess waqt kellu jiġi individwat sit ta' blokka bini illi aktarx kien wettaq dan l-abbuż. Kemm il-darba jiġi individwat, il-Kunsill Lokali kellu jinfurmah b'dak li kien seħħ u jżommu responsabbli għal dak li jista' jinqala' sakemm titneħħa il-konkos.

3.19 Permezz ta' e-mail datat 14 ta' Ġunju 2012, is-Sna. Jane Simpson għaddiet lill-Kunsill Lokali informazzjoni u żviluppi rigward il-proġett *Marenostrum*. Fil-fatt b'konnessjoni ma'

żjarat li kienu ser isiru minn ġurnalisti eċċ ġewwa l-lokalita', is-Sna. Simpson infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien irnexxielha tikseb xi *sponsorships* mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu. Is-Sna Simpson għaddiet ukolll informazzjoni rigward x'kien ser iseħħ waqt iż-żjara tal-persuni kkonċernati. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jappoġġja din l-inizjativa sakemm ma jkun hemm involut ebda infiq min-naħa ta' l-istess Kunsill Lokali.

3.20 Permezz ta' e-mail datat 29 ta' Mejju 2012, is-Sur Edric Micallef, f'isem il-Kunsill Lokali kiteb lill-perit Charmaine Cutajar mill-WSC, sabiex jinfurmaha bl-iżviluppi li kien hemm rigward xogħol ta' resurfacing f'parti minn Xatt is-Sajjieda. Minbarra illi qal illi kien hemm bzonn illi tinħareġ sejħa għall-offerti mill-ġdid u għaldaqstant il-WSC kienet qiegħda tintalab tirrevedi l-bills of quantities, is-Sur Micallef talab lill-istess WSC tevalwa l-possibilita' illi sakemm jitkomplew ix-xogħolijiet jingħata cold asphalt temporanju fil-parti li kien leħaq inbeda x-xogholijiet fuqha. Is-Sindku qal, illi b'riżultat ta' dan l-email kien ġie infurmat illi l-WSC kienet iddeċidiet illi tagħti widen għall-ilment tal-Kunsill Lokali u kien ser isir asfalt temporanju f'Parti minn Xatt is-Sajjieda.

3.21 Ittra datata 6 ta' Ġunju 2012 indirizzata lill-Perit Audrey Testaferrata de Noto li permezz tagħha il-Kunsill Lokali informa lil Transport Malta bil-problemi li kien hemm f'Xatt is-Sajjieda. Fl-istess waqt il-Kunsill Lokali talab lil Transport Malta tiggwidah dwar x'sistema ta' traffiku u pparkjar għandha tiġi adottata f'Xatt is-Sajjieda sabiex jitnaqqsu l-problemi u l-inkonvenjenti li kien hemm f'din iż-żona tal-lokalita'.

3.22 Permezz ta' ittra datata 8 ta' Ġunju 2012, il-Kunsill Lokali informa lis-Sur Iman Schembri f'isem il-*Government Property Division* illi wara illi l-Kunsill kien ressaq talba sabiex sqaq eżistenti jinbidel fi triq li minnha jgħaddu l-vetturi minn Triq iż-Żejtun għal Triq Barthelemy, kien sar kuntatt mas-sidien ta' l-art illi kien hemm bżonn tiġi esproprjata sabiex tinfetaħ it-triq. Fil-fatt is-sidien kienu infurmaw lill-Kunsill Lokali illi kienu lest illi jinnegozjaw mal-Gvern Ċentrali l-esproprjazzjoni ta' l-art in-kwistjoni. Il-Kunsill Lokali għaldaqstant talab sabiex kemm il-darba ikun possibbli il-proċess ta' esproprjazzjoni jiġi avvjat.

## 4 <u>Komunikazzjonijiet tas-Sindku</u>

4.1 Is-Sur Edric Micallef qal illi wara illi t-Tribunal tar-Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar kien ħa id-deċiżjoni illi jekk il-Kavallerizza Planning Guidance ma jkunx iffinalizza sa' l-10 ta' Awwissu 2012, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk għandu awtomatikament jinħariġlu permess għal applikazzjoni PA1017/07, l-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar kienet ressqet appell (622/11CF) fis-Sede Inferjuri tal-Qorti ta' l-Appell. Għal dan il-għan u f'isem il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk is-Sindku żied illi huwa kien għamel kuntatt ma' avukat sabiex jingħata gwida dwar x'passi għandu jieħu l-Kunsill Lokali f'dan l-istadju. Is-Sur Micallef żied illi sabiex il-Kunsill ikun infurmat b'dak li kien għaddej rigward din il-materja kien stieden lil Dr.Luciano Busuttil, l-avukat magħżul, sabiex jintervjeni waqt seduta tal-Kunsill Lokali u jispjega fid-dettall il-proċeduri li kellu jsegwi l-Kunsill Lokali. F'dan l-istadju, Dr.Busuttil, illi kien preżenti waqt is-Seduta, intalab mis-Sindku sabiex jintervjeni. Dr.Busuttil beda billi spjega x'kien seħħ u abbażi ta' liema kriterji l-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar kienet appellat id-deċiżjoni tat-Tribunal tar-Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Huwa żied illi il-Kunsill Lokali f'dan l-istadju kellu l-opportunita' illi jikkontesta l-appell li kienet għamlet il-MEPA. Sabiex dan iseħħ pero' kien hemm spiża ta' €890 li kienet dovuta sabiex tkopri l-ispejjeż ta' l-avukat u tal-Qorti. Kemm il-darba il-Kunsill jiddeċiedi li jmexxi l-proċeduri, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kienu ser jintalbu sabiex jagħtu x-xhieda tagħhom fil-Qorti ta' l-Appell. Filwaqt li irringrazzja lil Dr.Busuttil

ta' l-intervent tiegħu is-Sur Edric Micallef qal illi f'dan l-istadju huwa kien ta' l-opinjoni illi l-Kunsill Lokali għandu jidħol għall-ispiża msemmija u jkompl l-proċeduri. Din il-proposta ġie issekondata mis-Sur Stephen Caruana u għaddiet b'votazzjoni unanima.

4.2 Is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Arthur Ciantar u s-Sur Carmelo Bugeja kien żamm laqgħa ma' rappreżentanti ta' Enemalta li matulha minbarra li ingħata update rigward l-estensjoni tal-Power Station ta' Delimara, kienu ġew diskussi diversi inizjativi illi għalihom il-Kunsill Lokali talab l-għajnuna ta' Enemalta. Fost l-oħrajn il-Kunsill Lokali kien talab lil Enemalta sabiex isir xi tip ta' dawl mas-siġar tal-palm li kiem hemm matul Xatt is-Sajjieda kif ukoll sabiex issir *belusha light* fi Triq Santa Katerina. Is-Sindku qal illi Enemalta kienet ġiet mitluba tevalwa l-possibilita' illi tidħol għall-ispejjeż ta' *jogging track* li l-Kunsill Lokali kien bi ħsiebu jibni ġewwa Triq il-Kavallerizza. Huwa żied illi f'isem il-korporazzjoni Enemalta, is-Sur Louis Giordimaina (Chairman Eżekuttiv) kien wiegħed illi dawn it-talbiet kienu ser jiġu evalwati minn Transport Malta.

4.3 Is-Sur Edric Micallef qal illi permezz ta' e-mail datat 12 ta' Ġunju 2012 kien informa lill-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk, Birżebbuġa, Żejtun u Għaxaq dwar talba li kien hemm bżonn li ssir lill-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar sabiex il-permess temporanju li kien inħareġ sabiex l-estensjoni tal-Power Station ta' Delimara jitħaddem bil-Heavy Fuel Oil jiġi estiż. F'dan ir-rigward is-Sur Micallef issuġġerixxa x'setgħet tkun it-talba tal-Kunsilli Lokali u talab lill-istess Kunsilli Lokali sabiex jgħaddu l-kummenti tagħhom. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali għandu jimxi mas-suġġerimenti li kien ta' s-Sur Micallef u jitlob l-estensjoni hekk kif proposta.

## 5 <u>Poloz ta assikurazzjoni għall-perjodu 2012/2013</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-poloz ta' assikurazzjoni illi l-Kunsill Lokali kellu ma' Mediterranean Insurance Brokers ( Malta) Ltd. kienu skadew. Għal dan il-għan l-istess kumpanija kienet talbet lill-Kunsill jekk kienx bi ħsiebu iġedded il-poloz ta' assikurazzjoni sabiex ikun kopert il-perjodu Ġunju 2012 – Ġunju 2013. Wara diskussjoni qasira li matulha ġie deskritt x'kien ser ikun kopert bil-poloz ta' assikurazzjoni, fuq proposta tas-Sur Edric Micallef, issekondata mis-Sur Stephen Caruana u li għaddiet b'mod unanimu il-Kunsill qabel illi l-poloz ta' assikurazzjoi għandhom jiġu mġedda hekk kif propost.

## 6 <u>Approvazzjoni ta' ħlaisjiet</u>

Fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef u li ġiet issekondata mis-Sur Stephen Caruana il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta' Pagamenti (Skeda Nru 03/12(NC)) li hi annessa ma' u li tifforma parti minn dawn il-Minuti.

## 7. <u>Affarijiet oħra</u>

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-amministrazzjoni kienet qiegħda ssib diffikultajiet minħabba l-fatt illi l-maġġoranza tal-konijiet bankarji li kien juża l-Kunsill Lokali kienu mal-bank HSBC. Għal dan il-għan kull darba illi jkun jinħtieġ isir deopżitu jew l-amministrazzjoni jkollha bżonn xi servizz bankarju, impjegat kien ikollu jżur il-fergħa tal-HSBC taż-Żejtun jew ta' Birżebbuġa. Dan ovvjament kien ifisser telf ta' ħin għall-amministrazzjoni aktar u aktar meta ġewwa l-lokalita' kien hemm bank ieħor li l-Kunsill seta' faċilment juża s-servizzi tiegħu. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali għandu jiftaħ kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta sabiex ikun jista' jibda' jopera b'din il-kumpanija

7.2 Is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien niehda inizjativa illi permezz tagħha l-Kunsill Lokali kien qiegħed jissorvelja aħjar ix-xogħol tal-ħaddiema illi l-Kunsill kellu assenjati miegħu. Huwa żied illi permezz ta' skeda ta' xogħol li kienet inħolqot filwaqt li żdiedet l-effiċjenza tal-Kunsill Lokali seta' jiġi mmonitorjat aħjar l-operat tal-ħaddiema in-kwistjoni.

7.3 Is-Sur Steven Grech qal illi kien innota illi l-Bring in-Sites li kien hemm f'Xatt is-Sajjieda biswit pompa tal-petrol kienu ċċaqalqu għal post ieħor ġewwa l-lokalita' u staqsa jekk dan sarx fuq talba tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minkejja illi ma kienet saret ebda talba uffiċjali għal dan iċ-ċaqliq, il-Kunsill Lokali kien irċieva ittra mingħand is-Sna. Marcella Agius, f'isem Green MT, illi permezz tagħha il-Kunsill ġie infurmat illi kienu iċċaqalqu il-bring-in-sites in kwistjoni peress illi kienu qiegħdin ikunu suġġetti għal diversi abbużi. Is-Sur Carmelo Bugeja żied illi huwa kellu kuntatt mas-Sna. Agius u kien infurmaha b'rapporti ta' abbużi illi kien irċieva.

7.4 Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tiegħu kien jinħtieġ isir xi ħaġa rigward Pjazza Madonna ta' Pompei. Huwa żied illi l-pjanti li kien hemm f'din il-pjazza kienu qiegħdin jitressqu mir-residenti u mis-sidien ta' l-istabilimenti sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom. Is-Sur Grech qal illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill Lokali kellu jwaħħal bollards fiż-żona bil-għan illi dan l-abbuż jinqata'. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi dinil-proposta ma għandiex timmaterjalizza.

7.5 Is-Sur Steven Grech qal illi kien qiegħed jippjana illi għall-perjodu tas-Sajf itella' programm ta' attivitajiet sportivi għat-tfal. Huwa żied illi minkejja illi kien ser jillimita' l-ispejjeż u jipprova jinvolvi xi għaqda/iet sportivi mil-lokalita' ma' setax jevita illi jkun hemm xi spiża li għaliha kien ser ikollu jagħmel tajjeb il-Kunsill Lokali. Għal dan il-għan talab lill-Kunsill sabiex jivvota somma ta' flus għall-attivita' li kien bi ħsiebu itella' u li dwarha kien ser jgħaddi aktar dettalji hekk kif jiġi mfassal il-programm. Wara diskussjoni fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef , issekondata mis-Sur Stephen Caruana u li għaddiet b'mod unanimu il-Kunsill approva s-somma ta' €250 għal din l-attivita'

7.6 Is-Sur Edric Micallef qal illi kien qiegħed ikun hemm problema bil-ħin illi fih iżarma s-suq fil-beraħ ta' nhar ta' Ħadd. Dan peress illi il-bejjiegħa kienu qiegħdin iżarmaw il-posta tagħhom tard u l-kuntrattur kien qiegħed jiġi kostrett jibda' l-ġbir ta' skart fil-5:00p.m. Kawża ta' dan, u b'mod speċjali matul l-istaġun tas-sajf, kienet qiegħda tinħoloq sitwazzjoni fejn bosta drabi l-ġbir ta' l-iskart jittardja. Wara disksussjoni qasira fuq proposta tas-Sur Edric Micallef, issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja u li għaddiet b'mod unanimu, kien hemm qbil illi l-Kunsill kellu jibgħat ittra lill-Onor. Jason Azzoppardi illi permezz tagħha tintalab issir emenda fil-liġi sabiex il-bejjiegħa tas-Suq fil-beraħ ta' nhar ta' Ħadd ikunu obbligati iżarmaw il-posta tagħhom sa mhux aktar tard mit-3:00 p.m.

Il-laqgħa spiċċat fil-8:30p.m. u ġie aġġornata għal nhar il-Ħamis 18 ta' Lulju 2012

| | |
|---|---|
| **Edric Micallef** | **Duncan Hall** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data :**